# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru wieħed u sittin (61) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar id-9 ta' Novembru, 2010 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Spiteri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu approvati u ffirmati wara li kienu kkoreġuti fuq xewqet il-kunsillieri, wara li s-segretarju eżekuttiv kien ipprovdihomlhom minn qabel din il-laqgħa permezz ta' *e-mail*.

3. Grace Marie Mallia ma qablitx mal-ħlas ta' €5, kif suġġerit mis-sindku fil-*poster*, biex kull min se jipparteċipa fil-**kompetizzjoni tal-*Christmas Log* iħallasha** bħala reġistrazzjoni biex dawn jingħataw ukoll lill-***Malta Community Chest Fund***. Hija qalet illi din se tkun diżinċentiva biex il-parteċipazzjoni tal-pubbliku tkun waħda numeruża għaliex wieħed irid iqis illi biex isir l-istess *Christmas Log*, ikun hemm bżonn ix-xiri ta' numru ta' ingredjenti li jiswew il-flus. Is-sindku qal illi dan il-ħlas ser jingħata lill-*Malta Community Chest Fund* u biex il-parteċipanti jintrabtu li ser jieħdu sehem. Finalment dawn ser iservu biex jitqassmu fil-*party* tat-tfal li se jsir l-għada u rridu nkunu nafu kemm se jkunu l-parteċipanti ħalli nippjanaw tajjeb.

4. Dwar il-**kwotazzjonijiet** li nfetħu propju qabel is-seduta preċedenti, is-sindku staqsa dwar is-suġġeriment li kien għamel, illi jintbagħtu kopja tal-*bidders* tal-***park benches***. Is-segretarju eżekuttiv qal li hekk kif l-iskrivani jiskennjaw dawn il-kwotazzjonijiet, jintbagħtu b'*e-mail* kif suġġerit. Intant ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-**ingaġġ ta' *Accountant*** u lanqas dwar dik tal-**konkos bil-*pattern*.**

5. B'referenza għal **Triq San Mikiel,** is-sindku qal illi meta hemm sqaq (li jinfed fi Triq San Mikiel), in-nies bilfors iridu jgħaddu minn qalb il-ħaddiema waqt l-eżekuzzjoni tax-**xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid.** Hekk qed isir bħal issa waqt li qed ikun iċċangat l-istess sqaq u t-triq. Is-segretarju eżekuttiv semma illi minħabba kalkoli ħżiena li saru, kellu jitkisser il-konkos fil-parti t'isfel ta' Triq San Mikiel, għal liema xogħol kienu nvoluti wkoll il-ħaddiema tal-*IPSL* biex jassistu 'l dawk tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet (Dipartiment tad-Distretti – Tar-Robba), minkejja li l-konkos kien mogħti minn *Asfaltar Ltd*. Is-sindku qal li dan ġara meta ġew biex jitqabblu l-livelli tal-isqaq ma' dawk tat-triq u għaldaqstant kellna nordnaw tliet jardi konkos addizzjonali, liema spejjeż se jkunu assorbiti mill-KLM għaliex id-Dipartiment tax-Xogħlijiet ma fadallux fondi biex ilesti x-xogħolijiet. Biss wieħed irid ifakkar li dak kollu li kien meħtieġ biex issir Triq San Mikiel ġie pprovdut lilna b'xejn mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet (Dipartiment tad-Distretti) taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru George Pullicino. Ta' dan għandna nkunu grati li din l-ispiża ġiet iffrankata lilna u l-istess flus ser ninvestuhom f'toroq oħra. Minbarra dan, kienu approvati wkoll *pallet* u nofs madum mattonċina ħamra li tiswa' bejn wieħed u ieħor €128. Sadanittant, il-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd*, qed jagħmel ix-xogħlijiet tat-**tpoġġija tal-mejnijiet tal-ilma** u anke d-drenaġġ fl-inħawi ta' **Triq iċ-Ċavi, Triq il-Kileb**, u s-*service road* fi **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija parti B**. Nicholas Briffa semma l-punt li kien imsemmi minn *Transport Malta* dwar in-nuqqasijiet (*default notices)* tal-kuntrattur *Asfaltar Ltd*. Nicholas Briffa qal li dan sfortunatament lanqas it-terrapien li nqala' mil-gandotti ma neħħa

minn fuq il-post. Intant għal domanda li saret, is-sindku qal li Triq Dun Giacomo Tortella, li hija fi stat ta' *macadam*, se tinbena mill-ġdid mill-KLM.

6. Se jsir eżerċizzju sabiex naraw jekk il-**kontijiet** li qed nirċievu mill-kuntratur humiex differenti mill-**istimi oriġinali** li saru 'il fuq minn sena ilu, li kienu saru mill-KLM.

7. Dwar **Triq il-Fjuri,** is-sindku qal li din se tiġi ċċangata /*stencil paving* mill-KLM permezz ta' fondi allokati lilna mill-**Fond għat-Titjib Urban** tal-*MEPA*. Is-sindku qal illi jekk jifdal fondi se ninkludu **Sqaqien Numri 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa.**

8. Dwar **xogħlijiet ta' manutenzjoni** bil-*hot asphalt* minn *Transport Malta*, hu antiċipat illi fi tlett ijiem tkun konkluża l-manutenzjoni ta' **Triq tas-Sejba.** Dwar dan intqal illi bħal issa qed ikun hawn konfużjoni sħiħa kull filgħodu fir-*rush hour* peress li r-rotta ġiet devjata temporanjament minn Triq il-Parroċċa. Din il-manutenzjoni hija meħtieġa biex tkun salvagwardjata Triq tas-Sejba li kienet mibnija kemm mill-KLM u l-Gvern Ċentrali. Dan għaliex dan l-aħħar dehru xi xquq fl-istess Triq tas-Sejba u minnhom kien dieħel l-ilma tax-xita fit-terrapien għoli fond ta' barriera bil-konsegwenza li jekk ħadd ma jagħti każ, setgħet iġġarfet it-triq. Is-sindku qal li se ssir ukoll manutenzjoni madwar żewġ tappieri tad-drenaġġ viċin il-*garages* industrijali.

9. Dwar il-**korsijiet tal-*computer* u l-*internet*,** qed nistennew lil rappreżentanti minn *GO plc* sabiex iġibulna l-*modem* u dan ikun installat fl-Isptar il-Qadim. Wara dan għandna nsewwu l-*computers* li hemm ma jaħdmux u mbagħad inkunu nistgħu nibdew it-tagħlim.

10. Dwar il-proposta tal-KLM biex jorganizza **attivita** nhar l-21 ta' Novembru, 2010 b'risq il-***Malta Community Chest Fund,*** il-KLM innota li din se taħbat mal-attività tas-Soċjetà Santa Marija fl-inħawi ta' Misraħ il-Fidwa viċin il-bandli. Hawn intqal illi l-istess soċjetà wkoll se tkun qed tiġbor għal skop filantropiku. Il-viċi sindku semma wkoll attività li se ssir għal skopijiet filantropiċi nhar it-23 ta' Novembru, 2010, mill-Każin tal-Futbol tal-Imqabba.

11. Is-sindku rrefera għall-**ħlasijiet ta' reġistrazzjoni** bħala 'esaġerati' mitluba mill-**Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** għal-laqgħat li jsejħu minn żmien għal żmien. Infatti għal-laqgħa msejħa għall-kunsillieri nhar il-20 ta' Novembru, 2010, se jattendu biss is-sindku u Grace Marie Mallia.

12. Dwar it-talba biex fl-Isptar il-Qadim tinżamm l-attività ta' **presepju ħaj** mis-Soċjetà Santa Marija, is-sindku qal li bgħatna l-ittra lill-każin fejn infurmajnihom bid-deċiżjoni tagħna.

13. Il-kap tal-Iskola Primarja Mqabba se tikkonċedi s-sala tal-iskola mingħajr ħlas biex il-KLM jkun jista' jorganizza l-***party* tal-Milied** tat-tfal fiha. Biex jinqatgħu l-ispejjeż il-KLM se jipprova jġib reklami minn għand kuntratturi u diversi stabbilimenti.

14. Is-sindku qal li nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2010, hu ttamat illi jsir ***reception*** li se jsir għal dawk kollha li taw sehemhom mingħajr ħlas għall-**attività kulturali** ta' nhar l-1 ta' Ottubru, 2010. Hu staqsa lis-segretarju eżekuttiv sabiex jipprepara l-ikel u x-xorb. Informa lill-KLM wkoll li ordna diversi *tokens* ta' €7-il wieħed. Dawn kienu approvati mill-kunsillieri unanimament.

15. Kien hemm suġġeriment illi l-**kartolini tal-Milied** setgħu iddiżinjawhom it-tfal li aktar kmieni, propju qabel din il-laqgħa (il-laqgħa bdiet tard għaliex f'ċerimonja qasira qabel ma bdiet din il-laqgħa tal-KLM, ingħataw iċ-**ċertifikati ta'** parteċipazzjoni mis-sindku) qagħdu għall-**kors tat-tpenġija** taħt id-direzzjoni tal-għalliema tagħhom Ms Maria Tonna. Madankollu din is-sena peress li ma' fadalx żmien, dawn il-kartolini se jinxtraw, jekk mhux se jservu dawk li konna ordnajna s-sena l-oħra.

16. Is-sindku qal illi se jkunu ppreparati xi diżinni tal-ħadid mill-ħaddiema tal-*IPSL* li se jkunu mkebba magħhom *rope lights* biex jitpoġġew fil-pjazza bħala **dekorazzjonijiet tal-Milied.** Dawn se jitpoġġew fuq l-antarjoli li din is-sena se jarmawhom is-Soċjetà Santa Marija (SSM). Intant, kien hemm talba oħra mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ) biex ma jsirx tiżjin bid-dwal tal-Milied quddiem il-każin tagħhom. L-istess nota kienet trażmessa lis-SSM biex ma jkunx hemm problemi.

17. Dwar il-proposta **ħarġa kulturali mill-KLM** għall-*Marsovin Wine Vaults,* mis-sindku, għal nhar is-7 ta' Diċembru, 2010, lejlet il-Festa tal-Kunċizzjoni, il-kunsillieri issuġġerew postijiet oħra.

18. Kienu approvati l-***payment approval sheets*** numri 395 u 396 minbarra l-ħlas tal-iskart (*disposal fees*) tal-*WastsServ Malta Ltd.* Dwar dan se noġġezzjonaw bil-miktub mal-*WasteServ* għaliex ma nistgħux inħallsu aktar minn dak li qed ikun allokat lilna mill-gvern ċentrali.

19. Issemmiet il-problema taż-***Żurrieq Joint Committee*** (*ŻJC*) msemmija f'laqgħa li nżammet dan l-aħħar fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali s-Sur Martin Bugelli mal-membri tal-istess kumitat. Noel Galea qal illi hemm il-problemi u qed ikun allegat li fix-xhur li għaddew kien hemm xi irregolaritajiet f'dawk li huma pagi li kienu msarrfa b'ċekkijiet li qed jingħad li ma kienux iffirmati mill-firmatarju tagħhom. Dwar dawn il-firem, jidher li se tiddaħħal il-pulizija filwaqt li l-istess membri tal-kumitat huma preokkupati bl-ittri tal-kredituri taż-*ŻJC.* Dwar il-fondi li huma dovuti lilna, jiġifieri d-debituri li għandhom iħallsuna **f'ċitazzjonijiet pendenti,** s-sindku insista sabiex toħroġ offerta biex permezz tagħha aġenzija /kumpanija /individwu (*debt collector)* jkun jista' jiġri wara flusna u jitħallas *commission*. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li f'eżerċizzji li saru fil-passat, illi permezz tagħhom hu kien bagħat ittra lill-istess debituri, sfortunatament ma tawx riżultati sodisfaċenti. Għaldaqstant se naraw jekk nakkwistawx kopja ta' offerta simili sabiex nikkunsidrawha.

20. F'punti oħra, is-sindku semma il-**problema fi Triq il-Familja Brancati** għaliex f'din it-triq hemm xi siġar li qed jaqilbu l-ħitan tas-sejjiegħ tal-għalqa. Is-sindku qal illi se nibagħtu applikazzjoni lill-*MEPA* biex jinqalgħu dawn is-siġar illi ħawwlu n-nies u li qed jostakolaw il-bankina.

21. Is-segretarju eżekuttiv qal li bagħat il-***Bye-Law*** lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ikkoreġuta dwar ir-regolamenti tax-xorb minn tazzi tal-plastik u l-użu ta' fliexken.

22. Is-sindku qal illi rċevejna talba minn Ms Maria Tonna biex ittella' **wirja tal-arti** għal żmien il-Milied. Is-segretarju eżekuttiv ipprovda l-formula tal-applikazzjoni sabiex din tagħmel **użu mill-Isptar il-Qadim** ftit ġranet qabel il-Milied u l-ewwel tas-sena. Il-KLM se jeżenta lill-Ms Maria Tonna li tħallas il-€100 f'donazzjoni. Madankollu il-viċi sindku ssuġġerixxa illi xorta nitolbuha donazzjoni ta' kemm tixtieq hi f'każ li jkun hemm bejgħ ta' pitturi.

23. Dwar il-**panneli fotovoltaiċi li kienu nstallati fl-Isptar il-Qadim,** is-segretarju eżekuttiv qal illi dawn mhux qed jiffrankawlna mill-kontijiet tad-dawl għaliex il-*meter* tad-dawl għadu ma ġiex imwaħħal. Is-segretarju eżekuttiv qal li dan in-nuqqas hu kollu tal-Korporazzjoni Enemalta, filwaqt li s-sindku qal illi jista' jkun li l-*Malta Resources Authority* żammet kollox. Dwar dan is-sindku ser jiċċekkja personalment.

24. Kien imsemmi wkoll l-**użu tal-Isptar il-Qadim mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** biex jorganizzaw attività fil-jiem li ġejjin. Dwar din it-talba kien hemm opinjonijiet differenti iżda ma kienx hemm qbil li jingħata l-użu. Għaldaqstant il-KLM jibqa' konsistenti u mhux se joffri dawn is-servizzi biex isiru kunċerti storbjużi li jistgħu jaqilgħulna problemi mal-ġirien.

25. Dwar il-kont ipprovdut mill-uffiċċju tal-**Perit Bezzina** dwar id-diżinjar tal-***parking bays*** fit-toroq li għadhom kemm jiġu miksija bit-tarmak, Triq il-Qattara, Imterrqa, Misraħ il-Fidwa u 9 ta' April, is-sindku qal illi *Transport Malta* qed tesiġi li jsiru pjanti mill-KLM. Dawn l-ispejjeż ta' *circa* €700 intqal li huma għolja wisq. Għaldaqstant il-kunsillieri iddeċidew li f'każijiet simili dejjem għandhom jintalbu kwotazzjonijiet minn qabel u jkunu approvati qabel ma jsir ix-xogħol. Is-segretarju eżekuttiv ma kienx jaf bl-ordni ta' dawn ix-xogħlijiet mill-uffiċċju tal-perit. Is-sindku qal li skond korrispondenza li għandna minn *TM* kull talba dwar parkeġġi trid issir mingħand perit. L-ispiża li talab il-perit, minkejja li s-sindku talbu sabiex titnaqqas, hija skond l-offerta tal-Perit Bezzina.

26. Se tinkiteb ittra lill-Kap tal-Iskola tal-Imqabba fejn se **nifirħu lill-iskola tal-ħidma li saret biex ħadet il-*Green Flag***. Il-KLM approva donazzjoni ta' żewġ kotba għall-istess skola biex jingħataw fil-*Prize Day* li se tinżamm nhar il-20 ta' Diċembru, 2010 fis-6:30pm. Nhar is-6 ta' Diċembru, 2010 f'attività li se ssir fl-iskola fejn se jkun kommemorat San Niklaw, il-viċi sindku se jipprovdi żiemel kif mixtieq mill-kap tal-iskola.

27. Kienet diskussa ittra li rċevejna mir-**residenza ta' San Vinċenz de Paule** fejn fiha qed jitolbu lill-kunsilli lokali sabiex iżuru lill-anzjani rikoverati. Infatti se niktbu ħalli l-amministrazzjoni tipprovdina b'lista u se niċċirkulaw data addattata aktar tard b'*e-mail* biex inżuru lil dawn l-anzjani.

28. Is-sindku semma l-bżonn ta' **esproprijazzjoni** biex tittieħed art ħalli tkun iffurmata t-triq fl-inħawi ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fis-*service road* viċin Triq Dun Ġiacomo Tortella. B'dan ġiet notifikata *Transport Malta* sabiex jinkluduha fil-*budgets* tagħhom.

29. Dwar il-**proġett ta' tindif** fl-inħawi tal-ajruport fi **Triq tas-Sejba** s-sindku qal li kellna nitolbu l-assistenza tal-**Perit Bezzina** biex ilesti l-istimi, li hemm l-intenzjoni li jkunu ffinazjati mill-***Malta International Airport.*** Dan it-tindif jikludi wkoll il-ħatt ta' ħajt eżistenti biex jagħmel wisa' għal teħid ta' art għal skopijiet pubbliċi.

30. Is-sindku ikkonferma illi l-**KLM ħareġ mill-Grupp Azzjonali Lokali Xlokk.** L-istess GAL Xlokk ikkonferma li laqa' t-talba tagħna jiġifieri d-deċiżjoni tal-istess kunsill.

31. Is-sindku irrefera għall-ittra mibgħuta mill-**Kumitat Olimpiku** fejn qed jitolbu nomina tal-aktar kunsill lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isports Malti. Hawn ma nħassx li għandna nidħlu għaliha.

32. Il-viċi sindku se jaħdem fuq it-talba tal-KLM biex il-**Katakombi tal-Mentna** nippruvaw nirkuprawhom għaliex qed insibu ntoppi kbar minn ***Heritage Malta*** biex dawn jinfetħu u jitgawdew mill-pubbliku. Infatti il-KLM iħoss li l-ħlasijiet mitluba huma ferm 'il bogħod minn raġonevoli. Madankollu se nagħmlu ħilitna biex jinfetħu b'xejn fil-jiem li ġejjin.

33. Fi tmiem il-laqgħa ittella' bil-polza l-isem ta' Ms Josianne Cassar ta' 92, Craspedia, Triq Valletta, Mqabba bħala r-**rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-fuljett numru 4**. Hija se tiġi avżata ħalli tiġi għall-kupun fil-jiem li ġejjin.

34. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:30pm** u qed tiġi msejħa laqgħa oħra bħal-lum ħmistax fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello** | *u approvati llum* | **Noel Galea** |
| | **Segretarju Eżekuttiv** | *25 /11 /2010 minn:* | **Sindku** |